MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1438/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Albert Galea u l-istess Albert Galea u b'nota tat-8 ta' Mejju, 2003, GasanMamo Insurance limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc**
**vs**

**Tony Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fid-9 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u seba' centezmi (Lm259.07), danni kagunati f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' April, 2001, gewwa Triq San Edwardu, Qormi,**

**bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAW-825 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ASC-111, misjuqa minn Anthony Camilleri u propjeta` ta' l-attur Albert Galea, liema vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez stante illi l-incident stardali sehh unikament tort ta' Anthony Camilleri;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Agius, Tony Camilleri u Tony Abela u Joseph Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fid-9 ta' April, 2001, fi Triq San Edwardu, Qormi, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ASC-111, propjeta ta' Albert Galea u misjuqa minn Anthony Camilleri, u l- vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAW-825 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Anthony Camilleri xehed li kien tiela' minn triq San Edwardu, meta sema' hoss fil-genb tal-lemin ta' wara tal-vann li kien qed isuq. Il-hgiega tal-lemin inkisret u mar l-hgieg f'wiccu. Hu nizel u sab lill-konvenut li kien qed isuq truck imdahhal fil-kaxxa tal-vann.**
**3. Il-konvenut jghid li kien bl-indicator mixghul ser jipparkja, u ibbrejkja biex ma jitlax fuq il-bankina bis-sahha, meta sema' daqqa minn wara mal-kaxxa tat-**

**truck. Skond il-konvenut, is-sewwieq tal-vettura ta’ l-attur qallu li ma rahx. Il-konvenut jghid li hu ma kellux danni peress li l-attur hadu bi zbrixx. Jghid li l-hgiega tkissret mal-mera ta’ l-istess attur.**

**4. In vista tal-fatt li kien hemm versjonijiet dijametrikament opposti dwar kif gara l-incident, inghata aktar piz ghal dawk li huma l-izjed fatturi l-izjed oggettivi, ossija ir-road accident rapport, l-isketch u r-ritratti esebiti. Mir-road accident report ma jirrizultax li l-konevnut kellu hsarat, filwaqt li l-attur kellu hsara fil-mera, tieqa, u il-mudguard ta’ wara tan-naha tal-lemin. Jibda biex jinghad li fir-road accident report il-posizzjoni tal-partijiet ma varjatx minn kif xehedu.**

**5. Issa mill-isketch it-Tribunal jinnota li kif spiccaw l-vetturi, jidher li l-attur kien ghaddej piuttost ghan-nofs, filwaqt li l-konvenut kien aktar spustjat lejn il-lemin. Jigi nnutat li kien hemm spazju fit-triq biex jghaddu zewg karrozzi. Pero` wiehed irid iqies ukoll li l-attur qed jghid li l-vettura tal-konvenut fil-fatt hi mdawra l-oppost il-fejn kienet meta gara l-incident, minn kif muri fl-isketch.**

**6. it-Tribunal iqies ukoll d-danni li garrab l-attur. Dana fil-fatt kellu danni minn nofs tal-karrozza lura sal-mudguard ta’ wara fuq in-naha tal-lemin. L-attur kellu wkoll danni fil-mera li nkisret kif ukoll fil-hgiega tal-lemin.**

**7. It-Tribunal qed jikkonkludi li l-incident gara minhabba zball ta’ kalkolu da parti taz-zewg sewwieqa. Il-konvenut kellu l-indicator mixghul pero` ma kienx attent ghal vetturi ghaddejjin minn hdejh, u fl-istess sens is-sewwieq tal-vettura ta’ l-attur lanqas ma kien attent. Jidher fil-fatt li z-zewg vetturi intebhu b’xulxin fil-mument tal-habta biss. Ghalhekk kull wiehed ghandu jigi ritenut ugwalment responsabbli ghall-incident li sehh.**

**8. Bhala danni jirrizulta li l-attur garraba mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm259.07), u dana skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi**

**s-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm129.53).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu z-zewg partijiet f’mod ugwali, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm129.53), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm129.53) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------